ID-DAR TA' L-ERWIEĦ

"X'qiegħda taqra sabiħ?" staqsa Ġorġ lil Stilla li, imkebba fl-aħjar petruna fl-isħan rokna, lanqas biss ħarset lejh.

"Is-skiet tweġiba Ġorġ" għidtlu jien. Imbagħad biex ma jinkiserx żidt "minn għalija "*Cranford*" qiegħda taqra dik. "*Cranford*" ta' Mr. Gaskell, ma tiftakrux?"

—"Mela le! daqskemm kien jogħġobni dak il-ktejjeb. U għadu! Kultant inħobb naħseb li hawn xi post fid-dinja fejn innies għadhom bħal ta' *Cranford* jilbsu bħalhom bix-xall, bl-iskufja u d-dublett wiesgħa, moħħom fil-ħmerijiet..."

(-"Bħal xi ħadd" żerżqitlu Stilla minn taħt il-lsien).

—"Jien qatt għidtilkom b'dik il-mixja li kont mort darba n-naħa ta' Marsaxlokk?" kompla Ġorġ.

—"Eh iva bil-ħaqq! meta kont tieħu l-ikel lin-nanna, bil-bixkilla, bil-kappun aħmar."

Hawn Ġorġ ma felaħx iżjed, qabad imħadda u tefagħħielha għal rasha.

—Inti tiskot jew le? Ħallini ngħid, trid Still?

—Ara skitt. Ibda.

—Mela ħallina miċ-ċajt. Kont miexi qalb il-għelieqi meta f'daqqa waħda ndunajt li kien għoddu dalam, u li l-ajru kien għaqad iswed u tqiel donnu jrid jaqa f'biċċa waħda u jordom kollox. Warajja fil-bogħod, it-torri ta' San Luċjanu bis-sinjal ta' l-ajruplani u warajh nofs xiber sema ikħal u ċar bħal tieqa żgħira miftuħa fuq il-baħar; il-bqija kollox iswed magħluq.

Fraħt meta wasalt fejn mogħdija dejqa li, bħalma deherli, stajt inqassar it-trieq minnha. Iżda mogħdija twila daqsha qatt ma sibt. Kienet tgħaddi bejn ringiela siġar minn naħa u firxa silla mill-oħra u jekk is-silla kienet minn lewn l-inbit meta dħalt, saret sewda meta kont għadni fin-nofs. Irwiefen kesħin jimbuttawni 'l quddiem, ivenvnu wara widnejja, jerfgħu mill-art il-weraq mejta, joħorġuhom minn taħt is-siġar, u jżeffnuhom fuq il-mogħdija quddiem; il-friegħi tal-ħarrub jingħu u s-silla titħabat mar-riħ bħal baħar qawwi. Quddiemi minn wara l-għolja tela serp tan-nar u qasam is-sħab. Bdejt nisma bħal karrettun imgħobbi bit-tiben, ir-roti jgergru fuq il-ġebel waqt li jduru u ifexfxu fejn it-tiben imiss magħhom.

Bdejt niġri. U x'tiġri? Il-mcgħdija qiesha bla tarf. Hekk, imbagħad kif ħriġt ġo trejqa x-xita bdiet nieżla bis-sħiħ. Ix-xorti riedet li f'din it-trieq malajr sibt fejn nistkenn u għalkemm ma kontx naf fejn qiegħed ħadt ir-ruħ daqs li kieku kont wasalt id-dar għax il-post ma kienx desert; mal-ħajt ta' quddiemi daqs-xejn għan-naħa tal-lemin kien hemm dar mixgħula. Fl-aħħar minn l-aħħar inħabbat hemm, għidt f'qalbi. L-aqwa li m'iniex waħdi! Kien dlam ċappa. Ix-xita tismagħha titqawwa u terġa' tbatti u ma tarahiex, ħlief kultant bħal tixlila bajda fuq drapp iswed; quddiemi l-ilma beda jinġama u jimxi minn fuq riġlejja bħal wied żgħir.

Min jaf x'nies kienu ta' din id-dar? Huwiex ta' min iħabbtilhom u mqar jistaqsihom it-trieq? Bdejt nifli l-post.

Quddiemi sew—id-dar kienet, bħalma għedt, daqxejn għannaħa tal-lemin — il-ħajt kien baxx u għalhekk stajt nara li d-dar ma kenitx fonda wisq, u li warajha kien hemm ħajt; bejnu u bejn id-dar—għedt jien—ikun hemm daqxejn ta' ġnien dejjaq. Issa jien stajt nara dan kollu għaliex minn ġol-kamra ta' wara kien ħiereġ dawl qawwi għal fuq il-ħajt u d-dellijiet tan-nies li kien hemm ġewwa kont nista' narahom fuqu bħal ċine. Ix-xita ma taħbatx minn dik in-naħa, għedt u għalhekk dawn in-nies għalqu l-bieb u fetħu t-tieqa ta' wara, jew bieb tal-ġnien x'inhu, ma jafux illi aktar għandhom suġġizzjoni hekk, milli kieku kellhom il-bieb miftuħ għal fuq it-trieq!

Ix-xita bdiet tonqos u mitt darba kont sa nerġa' lura minn dik il-mogħdija t-twila li kont ġejt minnha, iżda xejn ma kien jogħġobni l-ħsieb li rrid nitlaq dal-post fejn kien hemm dar binnies biex immur nintilef fid-dlam u l-waħx ta' l-għelieqi u fuq kollox bix-xita dejjem nieżla. Imbagħad, ukoll dawk id-dellijiet rabtuni hemm inħares. Stajt nagħraf li ġo dik id-dar kien hemm tliet nisa; waħda kienet donnha għadha dieħla għax kellha qoffa żgħira u skufja b'falda wieqfa quddiem u rajtha tqiegħed il-qoffa fl-art sakemm neżgħet l-iskufja u x-xall; l-oħra b'dublett wiesagħ wiesagħ dieħla u ħierġa fil-kamra,kultant tersaq lejn it-tieqa dellha jikber jikber fuq il-ħajt u qalbi ttaqtaq li ma tagħlaqhiex it tieqa jew iġġerri xi purtiera u tneħħili l-gost kollu. Id-dell l-ieħor kien ta' bniedma iċken bilqegħda ħdejn mejda, idejha taħt geddumha u minkbitha fuq il-mejda tħares il fuq lejn dik li kienet wieqfa donnhom qegħdin jitħaddtu bejniethom.

Dawn minn ilbieshom ma jidhrux nisa tal-lum għedt jien. Min jaf x'kien li tefagħhom hawn qalb il-għelieqi l-bogħod minn kullimkien; ma jafux li ż-żmien għadda u l-modi tbiddlu ħafna. Imbagħad għedt: Dawn kienu tliet xebbiet li lejla waħda ntebħu li ż-żmien kien sbejjaħ u l-ħajja kienet ħelwa u dnub kien li dak

iż-żmien dalwaqt kellu jsir imgħoddi u jibqa' tifkira biss. U għalhekk tqabbdu maż-żmien biex iżommuh dejjem preżent, ma jħalluhx isir imgħoddi. Issa minn għalihom li żammu ż-żmien ma jafux li dak ħarbilhom, ħalliehom iggranfati ma' waħda mill-qoxriet li jwaqqa' kull sena.

Wara li domt intella u nniżżel ma nafx kemm, mort inħabbat il-bieb tagħhom. Darba, tnejn, tlieta għandu jkun xi tliet torox joqogħdu hawn! Aħjar nitlaq, forsi dawn nisa weħidom ma jridux jifthuli. U b'hekk ergajt għal qalb is-siġar fil-mogħdija t-twila mnejn kont ġejt. Kemm il-darba dawwart wiċċi biex nara kinux ġew jifthu iżda għalxejn; imbagħad kif kienet siktet ftit ix-xita bdejt inlebbet daqs kelb imkeċċi. U mn'Alla għax wasalt id-dar wara d-disgħa. Dak il-lejl faqqgħu sajjetti kemm felħu u ġo s-sodda bdejt nitkexkex niftakar f'dawk it-tliet xebbiet f'dar mitlufa u mbegħda.

L-għada fetaħ jum kollu xemx u riħ fuq u jien qbadt it-trieq biex immur nittawwal titwila lil dik id-dar daqshekk stramba u f'qalbi bdejt nixtieq li dawk it-tlieta min-nies ikunu xjuħ u koroh għax ġa kont bdejt nieħu grazzja magħhom.

Id-dar għaraftha mill-bogħod għax ma kienx hemm ħliefha. Tgħid nara xi waħda minnhom? imqar! Jekk m'hiex xi ħolma tiegħi? Kemm int iblaħ bdejt ingħid lili n-nifsi ma tistenniex issib xi *Miss Matty* u tnejn oħra iċken minnha jirrakkmaw fuq it-tambur riġlejhom fuq banketta tal-bellus?"

Il-kesħa bdiet tniggiżli wiċċi u r-riħ iħallini bla nifs.

Id-dar kienet tidher wisq iżjed imqagħbra u fqira issa fid-dawl tax-xemx. Madwar, il-lwien ta' l-art, sa fejn tilħaq il-għajn, ileqqu u jgħajtu, il-ħdura taqta' mal-ħamrija, il-ġebla bajda taqta mal-ħdura; kollox igħid: "il-bieraħ għamlet xita kbira u ħaslet kollox". Iżda ħlief il-bebbux tnejn tnejn għad-dell tal-ġebel ma rajt imkien sinjal ta' ħajja.

Ma nistax ingħidlek kif bqajt meta sibt il-bieb tad-dar li kienet ġibditni 'l hawn miftuħ beraħ u l-ewwel kamra vojta. Fittieni kamra, hemm fejn stennejt sa nsib it-tliet tfajliet (għax f'moħħi kont għamiltom tfajliet dawk in-nisa li kont rajt fid-dell) gozz irmied u x'erbagħ msiemer imsaddin fin nofs u riħa ta' ħruq tifga. Xejn tieqa kbira miftuħa għal fuq il-ġnejna iżda toqba żgħira. Jista' jkun li żbaljajt id-dar? X'inkejja, dan l-irmied kulma fadal mit-tliet xebbiet li rajt? Mela x'rajt jien? Le mhux dak l-irmied biss kien fadal u n-nies li kont qgħadt nara l-lejl ta' qabel kienu hemm ħdejja mingħajr ma naf: Fuq il-ħġieġa tattieqa ż-żgħira, li għedt, kien hemm tliet santi mqasqsin u mwaħħlin fuqha bħal inkwatru, in-nar li kien qabad ġewwa kien tefagħ id-dell ta' dawn is-santi fuq il-ħajt ta' wara d-dar li hekk qiegħed

jagħmilha ta' siparju sewwa sew bħal magna taċ-ċine; minflok, iżda, li jiċċaqalqu li-stampi tiċċaqlaq il-fjamma li kienet qegħda tipprojjettahom, li hi ħaġa waħda meta tkun qiegħed taraha. U tgħid li jien ġejt nitwennes hawn ħdejn dar b'ħuġġieġa ġo fiha! U biex kienet qabdet hekk ġo dar magħluqa? Jiena u ġej lura raġel xwejjaħ li kien qiegħed igħabbi s-silla fuq karettun żgħir dawwalni iżjed. Id-dar kienet ilha vojta iżda wieħed xiħ kellu par strippi żewġ twavel u mitraħ tat-tiben hemm u meta jfettillu kien igħaddi l-lejl hemm. Issa kien inħaraqlu kollox jew b'sajjetta jew ħalla xi sigarett hu qabel ma ħareġ. Ħaġa waħda issa għax ix-xiħ ma kellux bżonn jorqod hemm iżjed. Fi żmien kienu joqogħdu s-sinjuri fiha, qalli "Tliet xebbiet ħelwin iżda ilhom ħafna li mietu. Missieri kien igħid li kienu sbieħ wisq u li mietu flimkien b'xi marda kerha. Hawn min igħid li baqgħu jidhru rwieħhom kull sena bħal daż-żmien."

Bqajt inħares lejn dak ir-raġel jaħdem, imnebbaħ li ma kinux is-santi fuq il-ħġieġa li kont rajt iżda nies veri li min jaf bliema fenomnu li ma jifhmu ħadd kienu reġgħu ġew fil-ħajja wara żmien twil!

Ġorġ ġibed nifs kbir. "Ir-raħli beda jgħabbi u jien bqajt hemm inħares lejh..."

"U tgħallimt tgħabbi ġmielek int ukoll"—sikktitu Stilla".

ONDINA TAYAR.